



Brussell, is-6 ta' Lulju 2020

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-INDIKATURI ĠEOGRAFIĊI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit se jinneogzjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b' mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f' termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern⁴, fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Barra minn hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni r-Renju Unit se jkun pajjiż terz fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri tal-UE.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C hawn taħt).

Innota:

Dan l-avviż ma jindirizzax:

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B' mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-impportazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

- il-liġi dwar l-ikel tal-UE, inklużi l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni;
- ir-regoli tal-UE dwar drittijiet oħrajn ta' proprjetà intellettwali, bħal trademarks u disinji;
- ir-regoli tal-UE dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali min-naħa tal-awtoritajiet doganali.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn⁵.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

It-term “indikazzjoni ġeografika” użat minn hawn ’il quddiem ikopri d-denominazzjonijiet protetti li ġejjin skont id-dritt tal-UE: Id-Denominazzjonijiet ta’ Oriġini Protetti u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012⁶, id-Denominazzjonijiet ta’ Oriġini Protetti u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013⁷, l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 2019/787⁸ u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 251/2014⁹. Għall-fini ta’ dan l-avviż, it-terminu “indikazzjoni ġeografika” tinkludi wkoll l-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u t-Termini Tradizzjonali fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-indikazzjonijiet ġeografiċi mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit¹⁰. Dan iwassal, b’mod partikulari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta’ xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta’ xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta’ oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi ta’ xorb spirituż, l-użu ta’ alkoħol etiliku u distillati ta’ oriġini agrikola f’xorb alkoħoliku, ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14.

¹⁰ Fir-rigward l-applikabilità għall-Irlanda ta’ Fuq tad-dritt tal-UE dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi, ara l-Parti C ta’ dan l-avviż.

1. INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI RREĠISTRATI FL-UE QABEL TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Kwalunkwe dritt mogħti skont id-dritt tal-UE dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se japplika biss fl-Istati Membri tal-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Madankollu, huwa mfakkar li l-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi protezzjoni kontinwa fir-Renju Unit tal-istokk tal-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fl-UE fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (ara hawn taħt, il-parti B ta' dan l-avviż).

2. IR-REĠISTRAZZJONI TA' INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

Il-proċedura tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi skont il-liġi tal-UE dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi hija differenti fil-funzjoni tal-orijini tal-prodotti.

B'mod partikolari, biex jiġi rreġistrat isem ta' prodott bħala indikazzjoni ġeografika, il-produtturi tal-UE jridu jindirizzaw l-applikazzjoni tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali għal skrutinju. L-Istat Membru kkonċernat jgħaddi l-applikazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, li teżamina t-talba wara l-proċeduri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE elenkata hawn fuq¹¹.

Għal ismijiet ta' prodotti mhux tal-UE li għandhom jiġu rreġistrati bħala indikazzjonijiet ġeografiċi fl-UE, il-produtturi jibgħatu l-applikazzjonijiet tagħhom direttament, jew permezz tal-awtoritajiet nazzjonali, lill-Kummissjoni Ewropea¹².

Ir-reġistrazzjoni tal-UE, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, tal-indikazzjonijiet ġeografiċi relatati ma' prodotti li joriġinaw fir-Renju Unit trid tkun konformi mal-kundizzjonijiet li japplikaw għal għall-indikazzjonijiet ġeografiċi minn pajjiżi terzi¹³.

L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-ismijiet, li jkunu pendenti mal-UE fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, mhux se jibqgħu jkopru r-Renju Unit wara li jintemm il-perjodu tat-tranżizzjoni, ladarba jiġu rreġistrati.

¹¹ Ara l-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-Artikoli 95 u 96 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2019/787 u l-Artikoli 12-13 tar-Regolament (UE) Nru 251/2014.

¹² Ara l-Artikolu 49(5) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Artikolu 24(8) tar-Regolament (UE) 2019/787 u l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 251/2014.

Aktar informazzjoni dwar kif għandhom jiġu applikati u l-formoli tal-applikazzjoni hija disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/food-safety-and-quality/certification/quality-labels/registration-name-quality-product_mt.

¹³ Pereżempju, ir-reqwizit stabbilit fl-Artikolu 8(1) it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 54(2), l-ewwel subparagrafu, tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi protezzjoni kontinwa fir-Renju Unit ta' ismijiet protetti fl-UE fl-aħħar jum tal-perjodu tat-tranżizzjoni bis-saħħa tar-regoli tal-UE rilevanti dwar l-indikazzjonijiet ġeografici¹⁴. Din id-dispożizzjoni tkopri wkoll indikazzjonijiet ġeografiċi relatati ma' prodotti li joriġinaw fir-Renju Unit.

Skont it-termini tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-protezzjoni tal-istokk ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE għandha tingħata fir-Renju Unit mingħajr rieżami u tal-anqas fl-istess livell ta' protezzjoni bħal fil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE¹⁵. Tali protezzjoni tkun indefinita sakemm l-indikazzjoni ġeografika tkun protetta fl-Unjoni Ewropea¹⁶.

Dan ifisser li l-indikazzjonijiet ġeografiċi li attwalment huma rreġistrati fl-Unjoni Ewropea, u dawk li se jiddaħħlu fir-reġistru sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, se jibqgħu protetti fir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, mingħajr il-ħtieġa li tiġi introdotta applikazzjoni fir-Renju Unit jew li jsiru xi proċeduri amministrattivi partikolari biex tkun żgurata tali protezzjoni¹⁷.

Skont it-termini tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-reġistrazzjoni fir-Renju Unit tal-istokk tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE se tkun mingħajr hlas¹⁸.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jidħol fis-seħħ il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.¹⁹ Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġislattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.²⁰

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru.²¹

¹⁴ L-Artikolu 54(2), l-ewwel subparagrafu, tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ma japplikax għal indikazzjonijiet ġeografiċi li l-protezzjoni tagħhom fl-Unjoni tkun derivata minn ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni tkun Parti (ara l-Artikolu 54(2), it-tielet subparagrafu, tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.)

¹⁵ L-Artikolu 54(2), l-ewwel subparagrafu, tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁶ L-Artikolu 54(2), it-tieni subparagrafu, tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁷ L-Artikolu 55(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁸ L-Artikolu 55(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

²⁰ L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²¹ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll tal-IE/Ni.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprovdi li r-Regolamenti (UE) Nru 2019/787, (UE) No 1151/2012, (UE) Nru 251/2014 u (UE) Nru 1308/2013 japplikaw għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq²².

Dan ifisser li r-referenzi għall-Unjoni Ewropea fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE li huma rreġistrati qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jkompli jestendi għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jgħodd ukoll għall-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fl-UE wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni.
- il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi taħt ftehimiet internazzjonali tal-UE jkompli jestendi għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni²³. Dan jgħodd ukoll għal ftehimiet konklużi wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.
- l-applikazzjonijiet għal indikazzjonijiet ġeografiċi relatati ma' prodotti li joriġinaw fl-Irlanda ta' Fuq li jkunu pendenti fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jew li jkunu ġew ippreżentati wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jitqiesu bħala applikazzjonijiet tal-UE, u ma jkollhomx bżonn jissodisfaw ir-rekwiżiti għal applikazzjonijiet ta' pajjiżi terzi (ara hawn fuq, it-taqsima A.2 ta' dan l-avviż).
- l-Irlanda ta' Fuq mhux se jkollha sistema nazzjonali ta' protezzjoni għal indikazzjonijiet ġeografiċi separata mis-sistema tal-UE għall-protezzjoni u b'mod parallel magħha²⁴. L-ismijiet tal-Irlanda ta' Fuq huma protetti fl-Unjoni Ewropea u fl-Irlanda ta' Fuq biss wara r-reġistrazzjoni tal-UE. Huma protetti fit-territorju tar-Renju Unit, minbarra t-territorju tal-Irlanda ta' Fuq, wara r-reġistrazzjoni tagħhom fis-sistema tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tar-Renju Unit.
- il-proċedura ta' oppożizzjoni nazzjonali skont l-Artikoli 49(3) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, 96(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, 24(6) tar-Regolament (UE) 2019/787 u 13(3) tar-Regolament (UE) Nru 251/2014 hija limitata għal persuni stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq.

²² L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 45 tal-anness 2 ta' dak il-Protokoll.

²³ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u l-aħħar inċiż tat-Taqsima 4 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

²⁴ Il-prinċipju tal-esklussività u l-eżawriment tas-sistema tal-UE ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti fl-1) is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tas-8 ta' Settembru 2009 (*) fil-Kawża C 478/07, referenza għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE tal-Handelsgericht Wien (l-Awstrija), (Budějovický Budvar, národní podnik vs Rudolf Ammersin GmbH); u 2) Sentenza tal-Qorti (It-Tieni Awla) tat-14 ta' Settembru 2017 fil-Kawża C 56/16 P, appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Marka ta' kelma tal-Unjoni Ewropea Port Charlotte).

- indikazzjonijiet ġeografiċi IE/NI transfruntiera jiġu pproċessati u rreġistrati skont il-leġislazzjoni tal-UE bħala indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE. Ir-regoli tal-UE dwar l-applikazzjonijiet konġunti u l-emendi dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw 100% fit-territorju tal-UE japplikaw.

Madankollu, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li jipparteċipa fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni²⁵.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE dwar il-politika dwar il-kwalità (https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/food-safety-and-quality/certification/quality-labels_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali rigward il-leġislazzjoni tal-Unjoni applikabbli għal indikazzjonijiet ġeografiċi. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

²⁵ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.